MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 310/1985/1

**Lawrence Hili**

**v.**

**Alfred Cassar White sive Alfred Cassar u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 1994 l-Avukat Dottor Joseph P. Bonnici u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Alfred Cassar White u b'digriet tad-29 ta' Frar, 1996 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josephine Cassar White wara l-mewt tal-konvenut Alfred Cassar White fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-8 ta' Marzu 1985 li taqra hekk:

"Peress illi waqt li l-attur kien qed jahdem il-Libya mal-kumpanija Amerikana Burbank Oilfield Services Ltd din il-kumpanija kellha thallas xi flus lil Air Malta Company Limited li dak iz-zmien il-konvenut kien impjegat maghha bhala ufficjal gholi u rapprezentant taghha l-Libya. Meta l-kumpanija Amerikana tterminat l-operat taghha l-Libya u l-attur gie biex jitlaq mil-Libya biex jirritorna Malta l-konvenut informa lill-attur li hu ma kienx bi hsiebu jhallieh jitlaq lura mil-Libya jekk hu ma jhallasx personalment u jaghmel tajjeb personalment ghad-dejn li l-Burbank Oilfields Services Ltd kellha thallas lil Air Malta Company Limited u dan ghaliex l-ufficjali mill-Head Office tal-Air Malta f'Malta kienu imminaccjaw (lill-konvenut) illi jekk il-Burbank Oilfields Services Ltd ma thallasx id-djun taghha huma kienu ser jzommu lill-konvenut responsabbli personalment ghal dan id-dejn.

"Ghalhekk il-konvenut informa lill-attur li hu ma kellux alternattiva hlief illi jdur fuq l-attur personalment u jgeghlu jhallas id-dejn tal-kumpanija Amerikana mal-Air Malta ammontanti ghas-somma ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) u dan ghalkemm kien jaf li dan id-dejn ma kienx tal-attur personali.

"Peress illi fil-fatt ghalkemm l-attur kien ipprova jitlaq mil-Libya biex jirritorna f'daru dan gie impedut milli jaghmel dan mill-konvenut tant hu hekk illi fuq istruzzjonijiet tal-konvenut il-passaport tal-attur gie mizmum mill-ufficjali tal-ambaxxata Maltija fil-Libya u l-attur gie effettivament illegalment mizmum il-Libya kontra r-rieda tieghu. Barra minn dan il-konvenut ad insaputa tal-attur bezza' lill-familjari tal-attur partikolarment lil martu li kienet tghix Malta wahedha, li zewgha l-attur kien jinsab il-Libya bi problemi serji finanzjarji u jekk huma minn Malta ma kienux sejrin jghinuh hu kien ser jispicca l-Libya minghajr possibbilta` li jirritorna Malta.

“Peress illi l-konvenut assigura lill-attur illi l-unika cans u l-unika speranza tieghu li jirritorna Malta kien jekk hu jiddepozita f’idejn fiducjarju tal-konvenuta f’Malta s-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) biex din is-somma taghmel tajjeb jekk kemm-il darba l-Air Malta jduru fuqu cioe` fuq il-konvenut personalment ghad-dejn illi l-Burbank Oilfields Services Ltd kellha thallas lil Air Malta. Pero` l-konvenut assigura lill-attur li jekk l-Air Malta ma jfittxuhx personalment huwa kien jirritornalu l-flus lura.

“Peress illi f’dawn ic-cirkostanzi u partikolarment minhabba l-biza’ li l-attur kien sejjer jibqa’ arrestat il-Libya minghajr cans li jirritorna f’daru u jara l-familja tieghu u minhabba l-inkwiet li l-konvenut kien irnexxielu johloqlu Malta mal-familjari tieghu u partikolarment l-istat ta’ paniku li kienet tinsab fih martu, l-attur hass illi ma kellux alternattiva hlief li jissokkombi ghat-talbiet illegali tal-konvenut u li jara li dak li kien qed jesigi minnu l-konvenut biex jirritorna f’pajjizu.

“Peress illi ghalhekk minhabba l-imsemmi agir illegali u rikatt tal-konvenut, l-attur jew anzi membri tal-familja tal-attur f’Malta iddepozitaw f’idejn il-fiducjarju nominat mill-konvenut is-somma mitluba mill-konvenut cioe`, sitt elef Lira (Lm6,000) u dan il-fiducjarju irrilaxxja r-ricevuta mmarkata bhala Dok “A” fis-17 ta’ Novembru 1981.

“Peress illi dakinhar stess il-konvenut fil-Libya irrilaxxja favur l-attur id-dokument u ricevuta datata 17 ta’ Novembru 1981 li qed tigi esebita bhala Dok “B” fejn jidher car li l-konvenut kien qed jircievi s-somma ta’ sitt elef Lira (Lm6,000) minghand l-attur biex jaghmel tajjeb ghad-dejn tal-Burbank Oilfields Services Ltd u bil-kundizzjoni espressa li s-somma li kellha tigi ritornata lill-attur jekk fil-fatt Air Malta ma tiddebitax il-kont personali ta’ Cassar White.

“Peress illi ghalhekk f’dawk ic-cirkostanzi permezz ta’ rikatt, ingann, theddid u ghemil dolus da parti tal-konvenut, l-attur gie kostrett u mgieghel li jiddepozita f’idejn persuna nominata mill-konvenut is-somma ta’ sitt elef Lira (Lm6,000) sabiex din is-somma taghmel tajjeb

jekk kemm-il darba l-Air Malta Company Limited kellha tfittex lill-konvenut personalment ghad-danni minhabba nuqqasijiet da parte tal-konvenut personalment in konfront mal-Air Malta minhabba n-nuqqas tieghu li jigbor jew jiehu hsieb li jikkawtela l-kreditu tal-Air Malta in konfront mal-kumpanija Amerikana Burbank Oilfields Services Ltd.

“Peress illi fil-fatt kien biss wara d-depositu ta’ din is-somma li l-konvenut irritorna lill-attur il-passaport tieghu u rrangalu biex dan ikun jista’ jitlaq mil-Libya ghal Malta fuq ajruplan tal-Air Malta stess.

“Peress illi fil-fatt wara xi zmien li kien hawn Malta stante li l-attur ma sema xejn minghand l-attur talab ir-rifuzjoni tal-imsemmija sitt elef Lira (Lm6,000) minghand il-konvenut pero` dan irrifjuta li jirritornahom ghaliex qal li huwa kien diga` hallashom lil Air Malta.

“Peress illi ghalhekk il-hlas tad-depositu li sar mill-attur sar b’vizju ta’ kunsens da parti tal-attur u barra minn dan, f’kull kaz peress illi fil-fatt irrizulta illi l-Air Malta qatt ma effettivament iddebitat il-kont tal-konvenut biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet taghha biex tigbor l-ammont dovut lil Air Malta minn Burbank Oilfields Services Ltd u ghalhekk skond l-iskrittura din is-somma kellha tigi ritornata lill-attur.

“Peress illi d-depositu tal-imsemmija somma f’idejn il-konvenut kien wiehed ta’ depositu necessarju fit-terminu tal-ligi.

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandiex din il-Qorti;

“1. tiddikjara li l-hlas tad-depozitu ta’ sitt elef Lira (Lm6,000) mill-attur lill-konvenut sar wara rikatt, ingann, theddid u ghemil doluz da parti tal-konvenut li necessarjament ivvizzjaw il-kunsens tal-attur;

“2. tiddikjara li, fi kwalunkwe kaz, l-Air Malta qatt ma ddebitat lill-konvenut personalment bid-dejn tal-Burbank Oilfields Services Ltd u ghalhekk il-konvenut

ghandu jirritorna s-somma ta' sitt elef Lira lill-attur skond l-obbligazzjoni tieghu kontenuta fl-iskrittura tas-17 ta' Novembru 1981 (Dok "B");

"3. u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjonijiet premessi jew ta' wahda minnhom tordna lill-konvenut ihallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt elef Lira (Lm6,000) imhallsa lilu mill-attur u illegalment mizmuma minnu kif fuq premess;

"4. tordna l-arrest personali tal-konvenut a tenur tal-Artikolu 359C tal-Kodici tal-Procedura Civili.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-10 ta' Gunju 1982 tal-Protest tal-1983, tal-Mandati ta' Sekwestru, Qbid u Impediment ta' Partenza prezentati kontestwalment u bl-imghax legali mis-17 ta' Novembru, 1981 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta' April 1985 li in forza taghha ecepixxa illi:

"Illi di fronte ghall-eccipjenti t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi hu ma kkostringiex lill-attur b'xi ghemil doluz, rikatt, inganni, theddid jew vizzju tal-kunsens kif kien qed jigi allegat u ghalhekk, kif ukoll ghal ragunijiet ohra, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda – bl-ispejjez kontra l-istess attur."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet mressqa mill-kuraturi mahtura biex jirraprezentaw lill-konvenut li kien, fil-frattemp, allontana ruhu minn dawn il-gzejjer, li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-eccipjenti mhux edotti mill-fatti tal-kaz li jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li b'nota tas-17 ta' Marzu 1995, il-konvenut assuma l-atti tal-kawza f'ismu stante ir-ritorn tieghu f'Malta;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:
“Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili;

“Illi f’kull kaz ir-raba’ talba ma tistax tintlaqa’ galadarba l-arrest personali gie abrogat mil-ligijiet.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li b’digriet tad-29 ta’ Frar 1996, Josephine Cassar White giet awtorizzata tkompli l-kawza flok il-konvenut zewgha li miet fil-mori tal-kawza;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

“......tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16; tilqa’ t-tielet eccezzjoni; tilqa’ l-ewwel eccezzjoni; tilqa’ t-tieni talba tal-attur; tordna lill-konvenut ihallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta’ Lm6,000 bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-17 ta’ Novembru 1981.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Rat l-affidavit ta’ <u>Joan Hili</u> li semmiet li hi kienet mart l-attur Lawrence Hili. Waqt li Lawrence kien jahdem il-Libya hi kienet tghix mal-genituri taghha f’71, Crucifix Street, Senglea. Fl-ahhar *trip* tieghu l-Libya huma kienu inkwetati hafna ghaliex Lawrence kien baqa’ l-Libya ghal zmien twil. Lawrence kien cemplilhom u qalilhom li minn gurnata ghall-ohra kien ser jigi lura mbaghad kien jerga’ jippostponi. Huma ma setghux jirrejalizzaw x’kien qieghed jigri, pero` biz-zmien ghaddej, bdew jinkwetaw hafna. Giet infurmata f’Novembru 1981, permezz ta’ telefonata d-dar minghand certu Godwin Borg li kien jahdem mar-ragel taghha. Biex ikun jista’ jigi lura minn Tripli Lawrence, huma kellhom ihallsu s-somma ta’ disat elef Lira lil Air Malta ghaliex Ray Sladen qal li Lawrence

kien iffirma xi karta fejn kien assuma personalment id-dejn tal-Burbank mal-Air Malta u ghalhekk jekk hu jew huma ma kienux ser ihallsu din is-somma ma kienx ser jithalla jitlaq minn Tripli. Sladden qalilha li huma biss setghu jghinuh u jgibuh lura Malta, jekk huma jhallsu d-Lm9,000 dejn li kellu Lawrence ma' l-Air Malta. Hu ghamel enfasi kbira li jekk Lawrence ma jitlaqx immedjatament mil-Libya kien se jigi f'inkwiet kbir, u li hu seta' jitlaq biss bl-assistenza tal-Air Malta. Ghalhekk Vincent Micallef li kien assistent ta' Cassar White qalilha li kien kollu tort ta' Lawrence ghax kien iffirma karta fejn assuma d-dejn kollu tal-kumpanija. Qalilha li ma kelliex alternattiva ohra hlief li thallas dawk il-flus. Hi cemplet lil Cassar White li qalilha li ma kienx ser ihalli lil Lawrence jitlaq minn Tripli minghajr ma jhallas id-dejn ghax inkella kien ser ikollu jhallashom hu cioe` Cassar White personalment. Cassar White staqsiha kemm kellha flus u hi qaltlu Lm6,000. Qalilha biex taghtihomlu u kemm-il darba l-Air Malta ma tfittxux hu kien jirritornahom lura. Finalment iddecidiet li taghtih il-flus. Marret dak il-hin stess u tatu Lm6,000. Saret ricevuta datata 17 ta' Novembru, 1981 u ffirmata mill-istess Micallef. Meta wasal lura Lawrence kien sorpriz li jarahom, meta marru d-dar u qalulu dak li kienu ghaddew minnu dawk l-ahhar erbat ijiem irrejalizaw li Cassar White u l-Air Malta u l-Ambaxxata Maltija kienu qarqu bihom u b'konsegwenza ta' dan hargu Lm6,000 biex ihallsu dejn li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mieghu. Ghalkemm Lawrence mar diversi drabi ghand Cassar White jitolbu l-flus lura dan kien ta' xejn u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.

"Xehdet Joan Hili li kkonfermat il-fatti msemmija fl-affidavit.

"Rat l-affidavit ta' Lawrence Hili li fih semma li fl-1981 kien impjegat bhala *Assistant Catering Manager* ma' Burbank Oilfields Service Limited fil-Libya. Ghal xi nofs 1981 kienet inqalghet kwistjoni dwar it-taxxa bejn il-kumpanija u l-Awtoritajiet Libyani. Fil-fatt fit-8 ta' Settembru kienu ttiehdu l-passaporti tal-impjegati kollha, inkluz tieghu u ta' Bruce Jones. Fil-kariga tieghu ta' *Catering Manager* hu kien mela diversi formoli relattivi ghat-taxxa dovuta mill-

impjegati Maltin u assigura lill-Awtoritajiet Libyani li l-pagament ta’ dawn it-taxxi setghet issir minn flus li kienu dovuti lill-kumpanija minghand klijenti tal-kumpanija gewwa l-Libya. Burbank Oilfields Services Limited kellha kredituri ohrajn fil-Libya, partikolarment zewg kumpaniji Libjani u l-Air Malta, li kellha tiehu madwar 9,002 L. D. ghall-biljetti tal-arju ta’ diversi mpjegati tal-kumpanija Burbank kif ukoll tal-kumpaniji assocjati maghha u kienu jirreferu ghal xi tliet snin qabel iz-zmien in kwistjoni. Cassar White li kien il-*Manager* tal-Air Malta fi Tripli beda jippressa ghall-hlas u eventwalment Cassar White kien qallu li Albert Mizzi li huwa c-Chairman tal-Air Malta kien inkarigah biex ma jhallihx jitlaq mil-Libya qabel ma jissetilja l-kont li Burbank Oilfields Services Limited kellha mal-Air Malta. Fil-fatt hu kien qallu li kien cempel lill-Ambaxxata Maltija fil-Libya u inkarighom biex izommulu l-passaport li kien tahom biex johorgulu l-*visa* neccessarja biex jkun jista’ johrog mil-Libya. Hu rrileva li d-dejn ma kienx tieghu personali. Meta wasal l-Ambaxxata hu sab lill-Konslu Anthony Darmanin li kellu zewg dokumenti quddiemu u l-passaport tieghu. Semma fid-dettall dak kollu li gara Tripli ghax ried jinzel Malta. Wara li gie Malta hu kien sar jaf li kien gie miltuq mil-Libya wara li l-familja tieghu cioe` l-mara tieghu u missierha kienu gew imgieghela jhallsu s-somma ta’ sitt elef Lira (Lm6,000) lil Cassar White tramite Vincent Micallef. Kontra dan il-hlas Cassar White kien irrilaxxa ricevuta fejn huwa ddikjara li kien ser jirritorna l-istess ammont jekk il-kumpanija li maghhom hu kien jahdem, cioe` l-Air Malta Company Limited ma kienitx sejra tfittxu personalment ghad-debitu tal-Burbank Oilfields Services Limited – kif jidher mill-ircevuta datata 17 ta’ Novembru 1981 u li hija esebita bhala Dokument B mac-citazzjoni. Xi ftit xhur wara hu kien ikkomunika ma’ Cassar White, precizament f’Marzu 1982 fejn talbu jaghtih lura is-somma ta’ sitt elef lira (Lm6,000) li kienet hallsitu martu biex jigi lura Malta.

“Xehed Lawrence Hili in kontro-ezami u qal li mistoqsi jekk f’xi zmien ir-responsabbilta` fil-konfront tal-awtoritajiet kienitx ghaddiet f’idejh qal li sa fejn kien jaf hu qatt ma gara hekk fil-konfront tieghu. Ikkonferma li hu lil Cassar White kien qallu li l-flus dovuti lil Air Malta kienu ser jigu

mhallsa fi ftit granet ghax dik kienet ir-risposta li kien inghata mill-imsemmi Jones. Zied li hu ma kienx accetta li jidhol resposnsabbli ghad-djun.

"Xehed Ray Sladden prodott mill-attur li qal li fl-1981/1982 hu kien *manager* tat-*treasury and expenditure* tas-socjeta` Air Malta. Illum hu *General Manager Finance* tal-istess kumpanija. Qal li l-kumpanija Burbanks kellha tatihom madwar Lm9,000, dawn fil-konfront ta' biljetti tal-ajru. Qal li kien jaf dwar dan il-kaz in kwistjoni u fil-Libya dik l-epoka id-*District Manager* tal-Air Malta kien is-Sur Alfred Cassar White il-konvenut. Il-*Managing Director* tieghu kompla jinsisti biex jara kif jigbor xi *funds* minghand il-familjari ta' Hili. Qal li fit-28 ta' April, 1982 kienu rcevew hlas ta' sitt elef Lira (Lm6,000) u l-ircevuta kienet harget fuq isem Cassar White, fid-29 ta' April, 1982. Dawn kienu akkont tal-hlasijiet li kellhom jaghtu Burbanks. Mistoqsi jekk a bazi tad-dokument D1 l-Air Malta kienitx qed tippretendi li s-sur Hili jaghmel tajjeb ghad-dejn li kellha l-Burbanks ma' l-Air Malta hu risponda li iva pero` x'kien qed jigri l-Libja ma kienx f'pozizzjoni li jghidu. Hu kien irrefera l-kaz liz-zewg superjuri tieghu kif gja` semma u l-kompitu tieghu kien li jigbor id-dejn minghand is-sur Lawrence Hili. Qal li hu li kien jaghmel biex jingabar id-dejn kien li jzomm kuntatt kontinwu mas-Sur Cassar White u li jaf li kienu nbieghu xi affarijiet li ghamlu tajjeb ghal parti mid-dejn li kien dovut lill-Air Malta. Spjega li s-Sur Cassar White illum 'il gurnata kien residenti Malta imma dak iz-zmien kien ighix u jahdem fil-Libja. Cassar White kien qallu li biex jingabru dawn il-flus kien qed jigri wara Hili, seta' kien ukoll li kien qed jigri wara haddiehor ukoll, pero` ma kienx jaf. Lilu kien qallu li hu kien qed izomm lil Hili milli jsiefer sakemm jithallas id-dejn tal-Burbanks. Ghaliex l-ircevuta harget fuq Cassar White hu ma setax jispjega. Il-kaxxier in kwistjoni kien Joe Caruana Smith attwalment jinstab stazzjonat Tripli.

"Xehed Anthony Darmanin li kellu l-karika ta' *Second Secretary* u li kien jaf lill-attur peress li kien hemm xi problemi fil-konfront tal-kumpanija li kien jahdem maghha is-Sur Hili fil-Libya. Il-kumpanija kellha problemi ta' likwidita`. Spjega li l-*Emigration Officers* kienu zammew

il-passaporti tal-Maltin inkluz dak tas-Sur Hili minhabba li l-kumpanija kellha problemi ta' taxxa mal-Gvern Libjan. Meta tkellem mar-rapprezentanti Libici kien gie nfurmat li fil-mankanza tad-dirigenti tal-kumpanija kien responsabbli s-Sur Hili ghal kumpanija. Zied li kien jaf li kien hemm is-Sur Cassar White li kien rapprezentant tal-Air Malta li kien qed jigri wara s-Sur Hili u li kien ghamillu xi forma ta' *undertaking* biex jigi ffirmat mis-Sur Hili. Zied li fuqu qatt ma kienet saret *pressure* biex izommlu l-passaport u qal li parti mill-kompitu tieghu kien ukoll li jhares l-interessi tal-Air Malta bhala kumpanija nazzjonali tal-ajru.

"Xehed Mr.Vincent Micallef fejn qal li fl-1981 kien jahdem l-Air Malta bhala *Station officer* l-*airport* ta' Tripli, il-Libja. Hu kien jaf lill-attur li kien ilu l-Libja mill-1980, li kien qieghed ma' kumpanija jisimha "Burbank" li tissupplixxi *catering services* lill-kumpaniji taz-zejt. Fix-xoghol tieghu ma kellu l-ebda konnessjoni ma' din il-kumpanija ghax hu kien jahdem ma' l-Air Malta. Il-Burbank kienet klijent tal-Air Malta u kienu jaqtghu l-biljetti taghhom mill-ufficju tal-Air Malta. Bhala *General Manager* tal-"Burbank" kien hemm wiehed Mr. Bruce Jones. Apparentament Mr. Hili kien responsabbli mill-biljetti u mix-xiri, hu kellu assistent certu Godwin Borg u kellhom xi impjegati ohra fid-dezert. Kien semma li meta kellmu lill-attur dwar debiti dovuti lill-Air Malta, Hili kien qal li l-Burbank kellha tigbor xi flus minghand kumpaniji ohra mbaghad thallas bihom l-Air Malta. Sadattant hu kien nizel Malta u kien cempillu s-Sur Cassar White li qallu li kellhom imorru l-familjari ta' Hili u kellhom jehdulu xi flus. Zied li l-familjari ta' Hili kienu tawh xi flus. Ikkonferma li l-arrangamenti li kienu saru kienu li appena jkollhom il-flus is-Sur Hili jigi *released* u fil-fatt hu kien wasal Malta xi hames sieghat wara li kien cempel lil Cassar White. Hu wara kien irritorna l-Libja fejn kien ha mieghu l-karti tad-*deposit* lil Cassar White.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

"Rat in-nota tal-konvenut illi permezz taghha assuma l-atti tal-kawza minflok il-kuraturi nominati mill-Qorti u cioe` l-Av. Dr. Jospeh Bonnici u l-P.L. Hilda Ellul Mercer stante li llum huwa residenti permanenti f'Malta.

“**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

“Din hija kawza fejn l-attur ipproceda f’dawn l-atti biex jiehu lura l-hlas tad-depositu ta’ sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) peress li gie allegat li dan il-hlas sar wara rikatt, ingann theddid u ghemil doluz. Ghaldaqstant l-attur talab li jigi dikjarat li l-Air Malta qatt ma ddebitat lill-konvenut personalment bid-dejn tal-Burbank Oilfields Services Limited, u ghalhekk il-konvenut ghandu jirritorna s-somma ta’ sitt elef Liri Maltin (Lm6,000).

“Min-naha l-ohra, gie eccepit li (1) ma kien hemm ebda ghemil doluz, rikatt, ingann, theddid jew vizzju ta’ kunsens u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda; (2) it-talbiet huma preskritti a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 u (3) li t-talba ghall-arrest mhux sostenibbli ghax il-ligi partikolari giet abrogata.

“a. **<u>L-eccezzjoni bazata fuq l-Artikoli 1222 tal-Kap. 16:</u>**

“Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-azzjoni attrici taht dan l-artikolu. L-Artikolu 1222(1) jiddisponi:

“”Meta l-ligi f’xi kaz partikolari ma tistabilixxix zmien aqsar, l-azzjoni ghar-rexissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ eta`, taqa’ bil-preskrizzjoni gheluq sentejn.”

“L-Artikolu 1223(1) ighid hekk:

““Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta’ vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta’ zball, ta’ ghemil doluz, jew ta’ kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.”

“Din il-Qorti kif presjeduta ezaminat in-natura tal-eccezzjoni a tenur tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 fis-sentenza tal-5 ta’ Frar 2007 fl-ismijiet **Joseph Cachia v. Direttur tal-Ufficju Kongunt tal-Ministeru tal-Intern et** (394/05) u fil-kaz **John Grech v. Ivan Mifsud et** deciza

fis-26 ta’ Frar 2007 (1476/2001/1). Illi l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullita` u ta’ rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.

“Ghalhekk huwa imperattiv, ladarba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta’ sentejn, li jibdew ighoddu minn meta jinkixef l-izball. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kawza **Maria Zammit v. Lawrence James Cappello et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru 1962, li:

““Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta’ kuntratt minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta’ mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta’ eta` u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b’kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta’ zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta’ nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obbligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni.”

“Fil-kawza fl-ismijiet **Gourmet Company Limited et v. Marianno Vella** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru, 2001 gie deciz li:

““L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti tal-Appell l-appellanti certament ma ghamlux.”
“Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Adrian de Haan v. George Whelpdale et** deciza fil-31 ta’ Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] gie ritenut li t-terminu

ta’ preskrizzjoni tal-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbuziv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.

“Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitament accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara **Noel Ellul et noe v. Francis Vella noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Mejju 2001, u **Ronald Naudi noe v. Unispeed Shipping and Forwarding Limited** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju 2003).

“Id-data trid tigi stabbilita b’mod car. Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja v. Joseph Gauci** deciza fit-28 ta’ Novembru, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [Imh. J. R. Micallef] inghad:

““Illi marbut ma’ dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f’kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni.”

“Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Sammy Murgo v. Henry P. Cole** deciza fl-31 ta’ Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:

““Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-preskrizzjoni biennali tal-azzjoni ta’ rexissjoni ta' kuntratt abbazi tal-Artikou 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali ghax din tirrendi l-obbligazzjoni inesistenti.

“Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa billi mhux konsentit li l-Qorti jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-

kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku."

"Il-ligi ssemmi li t-terminu tal-preskrizzjoni jiddekorri minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' ghemil doluz minn dakinhar li jinkixef id-difett. Fil-fehma tal-Qorti minn ezami tal-provi, ma ngabux provi sodisfacenti ghal din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt jinkombi fuq il-konvenut li jsostni l-eccezzjoni sollevata biex tikkontrasta l-pretiza tal-avversarju (***reus in excipiendo fit actor***). (Ara **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar 2005, u **Montebello v. Montebello** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003, **Stencil Pave Malta Limited v. Kunsill Lokali Naxxar** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003).
"Fir-rigward ta' dak allegat mill-attur li l-hlas tas-sitt elef Liri Maltin saru wara li giet adoperata vjolenza morali li tirrendi l-kunsens vizzjat, il-ligi fl-Artikolu 974 tal-Kap. 16 tiddisponi hekk:

""Jekk il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggieghelha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira.

"Illi fil-kaz **Edgar G. Soler noe v. H.H. Sir David Campbell noe (**Vol. XXXIII.ii.431) inghad:

""Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'*vie di fatto* jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitat biex jigi raggunt skop divers.. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza insormontabbli

ghal dak li jkun tal-kunsens ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens."

"Inoltre` f'**Rosario Bartolo v. Giovanni Bartolo** (Vol XXIX.II.749) intqal is-segwenti:

""Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragjonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi…..Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti."

"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frank Xavier Aquilina v. Carlo Leone Ganado et** deciza fis-16 ta' Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) inghad:

""Hu car pero` illi l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretensjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti… …. – il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitur ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv tal-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu."

"Din il-Qorti fil-kawza **Grech v. Farrugia** deciza fit-3 ta' Mejju 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-*bargaining power* li jista' jkollu kontraent fuq iehor. (Ara wkoll **Joseph Busuttil v. Anthony Zahra** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2004).

"Skond is-sentenza **N. Dimech v. Nobbli Markiz N. Zimmermann Barbaro et**, Appell Kummercjali deciz fis-7

ta' Dicembru 1935, inghad li mhux kwalunkwe ngann ta' kontraent wiehed ghad-dannu tal-iehor jammonta ghad-*dolo* rikjest mil-ligi bhal motiv ghall-annullabilita` tal-kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontraent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-*dolo* jipproduci l-izball u dan irid ikun invincibbli. Ukoll inghad li mhux kwalunkwe skaltrezza pratikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht is-sanzjoni tal-ligi, hekk ukoll mhux kredulita` zejda taqa' taht il-protezzjoni taghha.

"Ukoll fil-kawza, **Alice Cassar Torregiani v. A. R. Manche`,** Appell Kummercjali deciz fis-17 ta' Marzu 1958, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li f'kazijiet bhal dawn l-inganni jridu jkunu ta' natura li jistghu jaghmlu impressjoni fuq bniedem sensat, u tali li jeccedu l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju; ghalhekk wiehed ma jistax, fil-konsiderazzjoni taghhom, jipprexxindi mill-kundizzjoni personali tal-partijiet.

"Fin-*Novissimo Digesto*, l-element tad-*dolo* huwa deskritt hekk:

*""Elemento primo del dolo e` quindi, il-raggiro, cioe` un complesso di manovre e di artifizi, il-secondo requisito e` che il raggiro sia opero dell' altro contraente, e il nesso causale tra I raggiri e la prestazione del consenso risulta chiaramente richiesto dal testo della legge, raggiri tali che senza di essi, l'altra parte non avrebbe contrattato. Accanto a questi requisiti si deve ricordare anche l'intenzione di colui che inganna, elemento insito nello stesso concetto di dolo."*

"Issa jekk wiehed japplika dawn il-principji jasal ghall-konkluzjoni li jekk hu applikabbli l-Artikolu 1222, is-sentejn tal-preskrizzjoni bdew jiddekorru mal-wasla tal-attur f'Malta u cioe` fit-18 ta' Novembru 1981. Izda jidher li kien hemm ittra interpellatorja tal-10 ta' Gunju 1982 u l-konvenut ma kkontestax il-fatt ta' din l-ittra interpellatorja. Ic-citazzjoni giet prezentata fit-8 ta' Marzu 1985 u ghalkemm fic-citazzjoni l-attur isemmi l-protest tal-1983,

ma pproduca ebda kopja tieghu u dan il-fatt gie kontestat mill-konvenut. La ma hemmx prova tal-protest dan ifisser li ghadda oltre sentejn mill-ittra interpellatorja sac-citazzjoni.

*"b).* ***<u>L-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 2156(f)</u>***

"Izda l-attur jikkontendi li ma kienx japplika l-Artikolu 1222 izda l-Artikolu 2156(f). Infatti l-attur jikkontendi li essenzjalment il-kawza odjerna mhix azzjoni ghar-rexxissjoni izda wahda dwar obbligazzjoni assunta mill-konvenut naxxenti minn skrittura datata 17 ta' Novembru 1981 u ffirmata mill-istess konvenut. Ghalhekk skond l-attur il-preskrizzjoni applikabbli hija dik taht l-Artikolu 2156(f) u l-azzjoni attrici mhix preskritta stante li l-kawza giet intavolata qabel Novembru 1986, l-iskadenza ta' hames snin mill-iffirmar tal-iskrittura. L-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jiddisponi:

""L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."

"Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawza fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock v. Maltacom p.l.c.** PA 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd v. Dismar Co. Ltd.** PA 12-Ott-2004, u **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).

"Fil-kawza, **Giovanni Saliba et v. Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li: fejn fl-Artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet

precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun *eiusdem generis* skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza. U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri v. Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

"Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' *eiusdem generis*, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

"Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud v. Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:

""….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus."

"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."
"Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

"Dan iwassal ghall-fatt li fil-fehma tal-konvenut il-kawza hija preskritta taht il-1222 waqt li skond l-attur mhix preskritta ghax ikun applikabbli l-Artikolu 2156(f) u ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti li tezamina bir-reqqa liema wahda minnhom hija applikabbli u meta wiehed jirreferi ghal-lokuzzjoni preciza tac-citazzjoni jinduna li taht dak imsemmi fl-ewwel talba hu applikabbli l-Artikolu 1222 li kien jirrendi l-kawza odjerna preskritta li kieku ma kienx ghat-tieni talba li tadopera l-kliem "fi kwalunkwe kaz tiddikjara li …"  Ghalhekk ghalkemm ic-citazzjoni taht l-ewwel talba kienet tkun preskritta, minhabba t-tieni paragrafu din hi salvata ghax qed jintalab li "fi kwalunkwe kaz jigi dikjarat li l-Air Malta qatt ma ddebitat lill-konvenut personalment bid-dejn tal-Burbank Oilfields Services Ltd u ghalhekk il-konvenut ghandu jirritorna s-somma ta' sitt elef Lira lill-attur skond l-obbligazzjoni tieghu kontenuta fl-iskrittura tas-17 ta' Novembru 1981".  Peress li ghal tali talba kien josta l-artikolu 2156(f) izda peress li ma ddekorriex it-terminu preskrittiv applikabbli, l-azzjoni odjerna mhix preskritta.

*"c. __Vjolenza morali__*

"Irrizulta li meta wiehed jezamina l-Artikolu 978 tal-Kodici Civili jirrizulta vjolenza morali fil-kaz in ezami ghax dan jirrikjedi li dan ikun tali li jahkem fuq persuna ragjonevoli u ggibilha l-biza' li hi tispicca f'perikolu ta' hsara kbira. Huwa logiku li persuna ma tistax titlaq minn pajjiz u tirritorna lejn artha specjalment fil-kundizzjonijiet fejn fuq l-attur kienet qed tinzamm il-pressjoni bir-rizultat fil-kors tal-kawza jwassal ghal dan il-fattur.  Il-hlas tas-Lm6,000 f'idejn mandatarju tal-konvenut saret wara pressjoni morali li permezz tieghu l-kunsens kien vizzjat.  Il-konvenut kien irrikatta lill-attur li jekk mhux ser ihallas ma kienx ser ihallieh jinzel lura Malta u bhala stat ta' fatt l-attur ma kienx irnexxielu li jkollu f'idejh il-passaport.  Din it-theddida kienet wahda gravi ghax minghajr passaport ma setax jitlaq mil-Libya lejn artu u ma' familtu.

*"d.   __L-obbligazzjoni assunta mill-konvenut__*

"Izda l-aktar fattur importanti dwar din il-kawza hija l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut. Fil-fatt l-Air Malta anqas biss hadet il-flus f'Malta u Ray Sladden kien irrifjuta li jiehu dawn il-flus. Il-konvenut kien ha dawn il-flus biex jaghmlu tajjeb f'kaz li l-Air Malta tfittxu personalment ghall-ammont dovut. Il-konvenut kien iffirma dikjarazzjoni fejn obbliga ruhu li jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm6,000 *"on condition that Air Malta Company Limited will not debit me personally for the settlement of Burbank Oilfield Services outstanding account with Air Malta in Libya"*. Is-Lm6,000 kellhom jinzammu biss jekk il-kumpanija Air Malta taddebita personalment lill-konvenut ghad-dejn dovut mill-kumpanija Amerikana. Irrizulta li dawn il-flus gew depozitati f'kont bankarju li nfetah apposta bl-ghajnuna ta' hu l-konvenut – John Cassar White li dak iz-zmien kien jahdem il-*Head Office* tal-Bank of Valletta. Fil-kors tal-kawza ma tressqet ebda prova li l-Air Malta addebitat lill-konvenut personalment bid-dejn dovut minn Burbank Oilfield Services. Ma saret ebda prova ta' dan l-addebitu u ma saret ebda prova ghalhekk li kienet avverat ruhha l-kundizzjoni kontemplata fl-imsemmija skrittura. Dan kollu jwassal li a tenur tat-tieni talba l-Qorti ghandha l-obbligu li tiddikjara li l-Air Malta qatt ma ddebitat lill-konvenut personalment bid-dejn ta' Burbank Oilfield Services Limited bil-konsegwenza li l-konvenut ghandu jirritorna lura lill-attur is-somma ta' Lm6,000 kif pattwit fl-iskrittura tas-17 ta' Novembru 1981.

***"e. <u>Indebiti solutio</u>***

"Il-konvenut ezamina l-aspett tal-*indebiti solutio* izda l-Qorti tirrileva li f'ebda hin ma l-attur ipprova jibbaza l-kawza tieghu fuq dan l-aspett.

***"f. <u>Talba ghall-arrest personali tal-konvenut</u>***

"Fost it-talbiet tal-attur hemm dik tal-arrest personali tal-konventu a tenur tal-Artikolu 359C tal-Kodici tal-Procedura Civili Kap. 12. Il-Qorti tirrileva li dik il-ligi partikolari giet abrogata."

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Josephine Cassar White tat-12 ta’ Novembru 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

“.......joghgobha tirriforma s-sentenza tat-22 ta’ Ottubru 2002 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqghet it-tliet eccezzjonijiet u l-ewwel eccezzjoni, thassarha u tirrevokaha fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, laqghet it-tieni talba tal-attur, u ordnat lill-konvenut ihallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta’ sitt elef Lira Maltija [Lm6,000] u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta appellanta u tichad it-talbiet tal-appellat Lawrence Hili.”

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Rat li fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2009, quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza, l-attur qed jitlob lura s-somma ta’ Lm6,000 (illum €13,976.24) li hu kien ghadda lill-konvenut f’Novembru tal-1981. Bhala fatti jista’ jinghad fil-qosor, li l-attur, f’dik l-epoka kien jahdem il-Libja u kien impjegat ma’ Burbank Oilfields Services Ltd. bhala Assistent Catering Manager. Il-kumpanija lokali Air Malta Co. Ltd, kienet tofri servizz ta’ vjaggi minn u lejn il-Libja ghall-impjegati ta’ din il-kumpanija. Jidher li l-arrangamenti kienu jsiru l-Libja mill-Ufficjali tal-kumpanija, rapprezentata minn certu Bruce James, u l-konvenut li kien il-*manager* fl-ufficcju tal-Air Malta gewwa l-Libja. Dan l-ufficcju, milli jidher kien jorhog il-biljetti tal-ajru ghall-haddiema ta’ Burbank *on credit*, u fl-epoka in kwistjoni il-Burbank tellghet kont ta’ eluf kbar ta’ Liri Maltin (madwar Lm9,000).

Il-kumpanija Burbank Oilfields Services Ltd waqghet lura fil-hlasijiet ta’ *corporate tax* lill-Gvern Libiku, u dan ha passi biex jiffriza l-assi li l-kumpanija kellha f’dak il-pajjiz u jzomm lill-ufficcjali u l-haddiema (hafna minnhom Maltin) milli jitilqu mil-Libja. Eventwalment, sar arrangament bejn il-kumpanija Burbank u l-Gvern tal-Libja u l-ufficjali u l-haddiema inatalhom lura l-passaport u thallew jitilqu mil-Libja – kulhadd siefer, hlief l-attur li baqa’ bil-passaport tieghu mizmum. Dan gara ghaliex, skond ma xehed l-attur, Bruce James “lahqu” Assistent General Manager tal-kumpanija minghajr ma informah, u ddikjara mal-awtoritajiet tal-Libja li l-hlas tat-taxxa kien ser jiehu hsieba l-attur.

Eventwalment, it-taxxa dovuta mill-kumpanija Burbank giet imhallsa, u l-attur inghata lura l-passaport tieghu mill-Awtoritajiet Libici. Dakinhar li ha lura l-passaport tieghu, l-attur ikkonsenja l-passaport lill-Konslu ta’ Malta fil-Libja, certu Sur Anthony Darmanin, biex dan jipprokuralu *exit visa.*

Meta l-konvenut gie nfurmat b’dan, ikkomunika mal-ufficcju Malta li qalulu biex lill-attur ma jhalliehx jitlaq mil-Libja qabel ma jhallas ghall-biljetti tal-ajru li nhargu fuq talba tal-kumpanija Burbank. Skond l-attur, mill-informazzjoni li gabar, il-konvenut gie mhedded minn *head-office* biex ma jhallix lill-attur jitlaq qabel ma jhallas “ghaliex hazin ikun ghalik u l-bella kumpanija taghkom.”

Il-konvenut, allura ha passi biex izomm lill-attur fil-Libja u rizultat tal-manuvri tieghu, milli jidher anke b’certa komplicita` tal-Konslu imsemmi, l-attur baqa’ ma inghatax lura l-passaport biex ikun jista’ jigi Malta. Hawnhekk, dejjem skond l-attur, bdew isiru theddid u minaci fil-konfront tieghu, fis-sens li kien se jithalla wahdu l-Libja sa ma jhallas; mart l-attur, li kienet Malta, giet ukoll avvicinata u soggetta ghall-pressjoni biex zewgha jhallas imqarr Lm6,000 mill-ammont dovut. Eventwalment l-attur ceda ghall-pressjoni, iffirma dokument li jhallas lill-Air Malta s-somma ta’ 6,886.390 Dinari Libici, u l-mara tal-attur ghaddiet is-somma ta’ Lm6,000 lill-assistent tal-konvenut hawn Malta. L-istess konvenut iffirma skrittura datata 17

ta' Novembru 1981, fejn iddikjara li jaghti lura lill-attur is-somma ta' Lm6,000 *"on condition that Air Malta Co. Ltd. will not debit me personally for the settlement of Burbank Oilfield Services outstanding account with Air Malta in Libja"*. Hekk kif il-konvenut ircieva s-somma ta' Lm6,000 hu ghaddiehom lill-Air Malta Co. Ltd.

l-attur ressaq dawn il-proceduri fejn qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' Lm6,000 peress li l-hlas li hu ghamel sar "wara rikatt, ingann, theddid u ghemil doluz da parti tal-konvenut", u wkoll ghax fi kwalunkwe kaz, ladarba Air Malta ma ddebitatx lill-konvenut personalment bl-ammont dovut mill-kumpanija Burbank, sehhet il-kundizzjoni tal-kitba tas-17 ta' Novembru 1981 u allura il-konvenut kellu jaghti lura l-flus kif kien wieghed.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn, fit-termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi dan it-terminu preskrittiv f'kaz ta' azzjoni ghar-rexxissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza jew ghemil doluz. Oltre dan, hu cahad li uza xi theddid jew rikatt fil-konfront tal-attur u stqarr li l-assunzjoni tad-debitu saret mill-attur volontarjament.

L-ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza billi qieset li, filwaqt li l-azzjoni ta' rexxissjoni tista' titqies preskritta, mhix l-istess jista' jinghad in kwantu l-azzjoni hi bazata fuq l-iskrittura ta' Novembru 1981; l-azzjoni intiza ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni mhiex milquta bil-preskrizzjoni eccepita, izda, *se mai*, b'dik ta' hames snin kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. La darba l-obbligazzjoni giet iffirmata f'Novembru tal-1981, u din il-kawza infethet f'Marzu tal-1985, ma jistax jinghad li l-azzjoni hi preskritta. Fuq il-meritu, l-ewwel Qorti accettat li kien hemm vjolenza morali indirizzata lejn l-attur u li, f'kull kaz, stante li giet verifikata l-kundizzjoni tal-obbligazzjoni assunta bl-iskrittura ta' Novembru 1981, l-attur hu intitolat li jiehu lura l-flus.

Il-konvenut appella (fil-persuna ta' Josephine Cassar White) mis-sentenza u ressaq diversi aggravji li sejrin jigu trattati hekk kif gew sollevati.

Bl-ewwel aggravju tieghu, il-konvenut jirrikorri ghall-principju *“electa una via non datur recursus ad alteram”*, biex jargumenta li la darba l-kawza giet mibnija fuq il-kawzali ta’ vizzju ta’ kunsens minhabba vjolenza morali, l-attur ma setax, fil-mori tal-kawza, jibbaza t-talba tieghu fuq obbligazzjoni ta’ kostituzzjoni ta’ debitu.

Fil-verita` pero`, l-attur ma ressaqx biss l-azzjoni ta’ rexxissjoni, biex thassar l-obbligu li hu assuma u wettaq li jhallas il-flus dovuti lill-Air Malta, izda qal ukoll li, “fi kwalunkwe kaz”, ghandu dritt jiehu lura s-somma ta’ Lm6,000 a bazi tal-ftehim li ffirma l-konvenut f’Novembru tal-1981. Ghalhekk, l-attur b’dawn il-proceduri ttanta jhassar l-obbligu minnu assunt u fl-istess hin li jenforza l-obbligazzjoni li assuma l-konvenut; hu ried iwaqqa’ obbligazzjoni wahda u jenforza ohra differenti, u ghal din it-tip ta’ azzjoni l-konvenut, meta ressaq l-eccezzjonijiet tieghu, ma oggezzjonax. Din il-Qorti ma tarax li hemm inkompatibbilita` bejn iz-zewg talbiet li ressaq l-attur, u dan peress li l-obbligazzjonijiet huma differenti. Bl-ewwel, l-attur obbliga ruhu li jhallas LBD6,886.39.0 lill-Air Malta Co. Ltd. li eventwalment wettaq, mentri bit-tieni, l-konvenut wieghed li jirrifondi l-flus lura, jekk ma jigix imfittex personalment ghad-dejn li Burbank kellha mal-Air Malta. Azzjoni wahda ma toqtolx l-ohra, u jekk l-azzjoni ta’ rexxissjoni tista’ titqies preskritta, it-talba l-ohra ghar-rifuzjoni tal-flus setghet tigi trattata u deciza separatament, kif sewwa ghamlet l-ewwel Qorti.

B’tieni aggravju tieghu, il-konvenut jichad li kien hati ta’ vjolenza morali. Din hi materja li tolqot direttament l-apprezzament tal-fatti mill-ewwel Qorti, u kif inhu maghruf din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li, wara analizi li tkun ghamlet, tkun saret ingustizzja. F’dan il-kaz, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u taqbel pjenament mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, fis-sens li saret pressjoni ingusta u indebita fuq l-attur, imholli wahdu fil-Libja, biex jaccetta jhallas somma flus lill-Air Malta.

Fil-kaz hemm zewg verzjonijiet differenti, pero`, dan ma jfissirx li l-attur naqas li jipprova l-kaz tieghu. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Bugeja v. Meilaq**, deciza fit-30 ta’ Ottubru 2003;

*“Fid-dawl ta’ dawn iz-zewg verzjonijiet kontrastanti il-kaz jirriduci ruhu f’wiehed ta’ kredibilita` u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia deciza minn din il-Qorti nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Novembru 2006 li ‘il-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wiehed miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl ta’ soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dwar il-konsistenza u verosimiljanzi, ghandiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”*

F’dan il-kaz, l-istorja kif zviluppat u kif spjegata mill-attur u martu, fic-cirkostanzi tal-kaz, tidher aktar korretta u verosimili. Jidher li l-konvenut ghar-ragunijiet tieghu, forsi biex izomm relazzjonijiet tajba u personali ma’ Bruce James tal-kumpanija Burbank, kien halla li d-debitu ta’ din il-kumpanija mal-Air Malta jitla’ gmielu. Il-kumpanija Air Malta kienet irrabbjata b’dan, u meta l-assi tal-kumpanija Burbank gew frizati, ic-Charman stess tal-Air Malta, is-Sur Albert Mizzi, widdeb lill-konvenut li kellu jara’ kif jirkupra l-flus altrimenti hazin ikun ghalih u “il-bella kumpanija” tieghu. Dan id-diskors qalu l-konvenut stess lill-attur. Il-konvenut, ghalhekk beda jara kif ser jsalva gildu u meta ra li l-Awtoritajiet Libici kienu zammu lill-attur fil-Libja inqeda’ bil-hbiberija li kellu mal-Konslu ta’ Malta, u zammlu l-passaport biex ikun jista’ jirrikattah. L-attur xehed hekk dwar din il-parti tal-esperjenza tieghu:

*“Sussegwentement, Cassar White beda jissuggerixxi li jiena, tramite l-familja tieghi, kelli niddeposita xi somma ta’ flus mal-Foreign Office Malta biex jiggarantixxi l-hlas tal-ammont dovut mill-kumpanija lil Air Malta u in vista ta’ dan il-pagament jiena nkun nista’ nsiefer. Dan id-diskors sar fl-Ambaxxata Maltija fi Tripli quddiem ufficjali tal-istess*

*Ambaxxata li komplew jaghtu daqqa t'id lil Cassar White fl-argumenti tieghu biex jikkonvincieni naccetta. Jiena kategorikament kont nirrifjuta dan ghaliex ma kienx dejn tieghi personali, u jiena ma ridtx ninvolvi u indahhal lill-familja tieghi fi kwistjonijiet tal-kumpanija.*

*"Fil-fatt bqajt hekk ma' Cassar White sat-Tnejn 16 ta' Novembru 1981 fl-10 ta' bil-lejl. L-ghada 17 ta' Novembru 1981, fis-saghtejn u nofs ta' filghodu, b'sorpriza kbira ghalija, gie ghandi Cassar White u qalli li jiena kont sejjer nitlaq ghal Malta dakinhar stess fis-sitta ta' filghodu wara li kellna naqbzu qabza l-Ambaxxata Maltija. Jiena staqsejt x'kien inqala' biex jiggustifika dan il-kambjament immedjat u imprevist, ghaliex bzajt u inkwetajt illi kien inqala xi haga Malta. Pero`, Cassar White qalli illi ma setgha jghidli xejn u meta nasal Malta kont inkun naf x'gara.*

Meta l-attur wasal l-Ambaxxata Maltija sab lil Konslu Anthony Darmanin u lill-konvenut Cassar White. Jispjega l-attur

*"Fuq l-iskrivanija tieghu l-Konslu kellu zewg dokumenti u l-passaport tieghi. Kif poggejt bilqieghda s-Sur Darmanin qalli li jiena kont wasalt biex immur Malta, pero`, qabel kelli niffirma z-zewg stqarrijiet li kienu quddiemu. Fil-fatt niftakar kif is-Sur Darmanin pogga id wahda fuq iz-zewg dokumenti u l-id l-ohra fuq il-passaport u qalli "Jew tiffirma dawn u tiehu l-passaport, jew inkella ma tiehu xejn."*

Iz-zewg dokumenti li rieduh jiffirma kienu jikkonsistu f'obbligazzjoni li hu jhallas il-flus li kienu dovuti minn Burbank Oilfield Services Ltd. u biex izomm lill-konvenut idennizzat kontra kull pretensjoni li ssirlu mill-Air Malta. Hu car li l-konvenut, minhabba l-komportament tieghu, sab ruhu f'posizzjoni kera mal-Air Malta, u ried jinqeda' b'Assistent Catering Manager biex jghatti bawxatu! L-attur hass li kellu jiffirma d-dokumenti, ghax altrimenti ma kienx se jithalla jitlaq mil-Libja, biza' li giet indotta fih anke fid-dawl tal-komplicita` (irregolari u ta' min jikkundannaha) tal-Konslu ta' Malta, is-Sur Darmanin. Din il-Qorti hi konvinta, bhal l-ewwel Qorti qabilha, li lill-attur, il-konvenut poggieh f'posizzjoni li ma kellux alternattiva hlief li jiffirma

d-dokumenti li gew impoggija quddiemu, u trattandosi tal-fatt li kien jinsab f'pajjiz esteru, b'sistema ta' ligi ferm differenti minn dik li kien imdorri biha f'Malta, fejn l-affarijiet mhux dejjem jimxu bi trasparenza, u bil-Konslu ta' pajjizu stess jiehu attitudni kontra tieghu, bir-ragun hassu imbezza' u mhedded. L-attur ma kellux ir-rapprezentanza legali u guridika tal-kumpanija Burbank, u bhala l-unika Malti involut f'xoghol amministrattiv (wara li Bruce James telaq mil-Libja) ma kellux, ghal daqshekk, jitpogga f'sitwazzjoni li jinzamm milli jitlaq lejn Malta "tenut kont il-problemi li kienet ghaddejja minna l-kumpanija Burbank Oilfield Services" – kif ipprova jispjega s-Sur Darmanin ghala zamm ghandu l-passport tal-attur! Dan kollu hu l-isfond li fih giet iffirmata l-obbligazzjoni. Dan l-isfond issa akkwista, xi ftit jew wisq, aspett akkademiku galadarba l-kawza ntrebhet minn Hili in prim istanza a bazi <u>tat-tieni</u>, u mhux tal-ewwel, talba tieghu kif kontenuta fic-citazzjoni (u ovvjament ukoll a bazi tat-tielet talba, li giet ukoll milqugha).

Bit-tielet aggravju tieghu, il-konvenut jipprova jwaqqa' dak li qalet l-ewwel Qorti dwar l-obbligazzjoni assunta minnu. Din il-Qorti ma taqbilx lanqas ma' dan l-aggravju. Mill-atti jidher li l-konvenut, fid-dawl tal-komportament tieghu l-Libja, sab ruhhu rinfaccjat b'theddida ta' *claim* tal-Air Malta diretta kontra tieghu personalment. Id-debitu, proprjament kien tal-kumpanija Burbank, izda l-Air Malta qalet li kienet se tfittxu personalment jekk ma jigborx il-flus. Il-konvenut, allura, biex ikopri ruhu, dar kontra l-attur u ried minghandu kawtela. Bir-rizultat tal-manuvri li wettaq, irnexxielu jzomm lill-attur fil-Libja sakemm dan tah Lm6,000. Dan il-hlas sar, pero` bhala garanzija li l-konvenut kellu jirrikorri ghaliha f'kaz biss li l-Air Malta taddebitah <u>personalment</u> bid-dejn tal-kumpanija Burbank. Il-konvenut, pero`, ma qaghadtx jistenna biex jara l-Air Malta x'se taghmel u jekk kienitx se tfittxu personalment ghal dak id-dejn, u lanqas ma kkontesta l-pretensjoni, sa dak il-hin biss verbali, li hu kien se jinzamm responsabbli ghal dak id-dejn, izda qabad u hallas is-somma ta' Lm6,000 li kien ircieva mill-attur lill-Air Malta. Dan ghamlu, forsi ghax kien jibza li jekk ifittxuh personalment l-Air Malta, ma kienx ikun jista' juri ghaliex ippermetta lis-

socjeta` Burbank itella dak il-kreditu kollu, pero`, jibqa' l-fatt li ma ttiehdu ebda passi kontra tieghu personalment, u l-Air Malta ma pprocedietx *"to debit me personally for the settlement of Burbank Oilfield Services outstanding account with Air Malta in Libja."* Lanqas li kien mistenni mill-konvenut kien li jikkontesta l-pretensjoni tal-Air Malta ghar-responsabbilta` tieghu personali, u jinvolvi f'dik il-kontestazzjoni tieghu lill-attur bhala garanti; il-konvenut, pero`, m'ghamel xejn minn dan, u ha *"the easy way out."* Ghal dan l-atteggjament m'ghandux ibati l-attur. La darba rrizulta li l-obbligazzjoni ta' pagament li assuma l-konvenut taht kundizzjoni sospensiva (negattiva) giet fis-sehh mal-verifikazzjoni tal-kundizzjoni, il-hlas irid isir kif imwieghed u kif ordnat l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost (illum mill-konvenuta Josephine Cassar White) billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------